RAPPORT TA HIDMA
25 TA' FRAR 2011
GHAQDA KAZINI TAL-BANDA

Sur President,
Sinjuri Rapprezentanti tal-Kazini u Kollegi,

Qed niltaqghu ghal darb'ohra biex naghtu rendikont tal-hidma u l-hsibijiet taghna dwar l-ahhar sena, li matulha saru zewg laqghat generali, wahda statutorja u l-ohra dwar id-dokument tal-Knisja dwar il-festi, minbarra ohra ghal kazini biss li ghandhom l-Armar ta' Barra. Saru wkoll erbatax il-laqgha tal-Ezekuttiv u diversi laqghat ta' kummissjonijiet.

Fl-ahhar sena kellna zewg rizenji mill-Ezekuttiv, wahda minhabba ragunijiet ta' sahha, u ohra ghaliex mindu nhatar mill-Kunsill tal-Ghaqda sena ilu, il-membru ma kien attenda qatt il-laqghat u ddimetta. Fil-frattemp kien ko optjat il-membru Joe Vella minn San Pawl il-Bahar imma ma kien hemm ebda rispons ghas-sejha li ghamilna permezz ta' cirkolari lil Kazini biex min ried jinnomina persuna halli tkun kunsidrata ghal Ezekuttiv. Sadanittant mill-erba' rapprezentanti mahtura fil-laqgha generali ghal-kumitati taz-zghazagh tal-kazini, tnejn minnhom ma baqghux jattendu. Hi hasra wkoll li din l-Ghaqda mhux qed issib, bhal f'uhud mill-Kazini, element zghazugh biex jidhol ghat-tregija.

**Laqghat**

Matul is-sena kellna laqghat diversi ma' korpi u Ministeri fuq hidmiet ta' nteress ghal Ghaqda u l-membri taghha. Delegazzjoni tal-Ghaqda tkellmet mas-Segretarju Parlamenti l-Onor. C. Said diversi drabi dwar sponsorjar tal-Kuncert tal-Manoel; dwar ir-rifjut tal-Good Causes Fund li jaghti ghajnuna lill-Ghaqda; dwar il-Festival ghal baned Ghawdxin u wkoll biex saret l-ewwel edizzjoni f'Ghawdex tal-festa f'gieh il-Padruna tal-Muzika Santa Cecilja. Mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kultura, l-Onor. Demarco tkellimna wkoll dwar is-sehem akbar li nixtiequ li jkollhom il-Kazini f'okkazjonijiet ta' portata nazzjonali waqt li mal-Onor. Jason Azzopardi, Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi tkellimna dwar sit alternattiv ghal Banka tal-Lottu tal-Ghaqda.

Mal-Onor Ministru Cristina, meta kienet inkarigata mill-qasam tal-kultura tkellimna u nghatajna ghajnuna ta madwar hmistax il-elf ewro mill-Arts Fund biex seta jsir il-kors fil-qasam muzikali matul is-sena li ghaddiet u li minnhom intefqu ftit aktar minn tnax il-elf. Mal-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali kellna laqghat u sar sponsorjar ta' rapport dwar l-uzu tal-energija fil-kazini u x'mizuri jistghu jittiehdu mill-kazini biex jiffrankaw il-hela u l-ispejjes fuq il-konsum elettriku.

Mal-Ministeru tal-Finanzi kellna diskussjonijiet fuq il-VAT fuq oqsma ta' valur kulturali waqt li mal-Onor. Prim Ministru u Ufficcjali tieghu saru laqghat dwar il-hlasijiet gholja ghal konsum elettriku, l-ilma, telefonija, il-VAT u sehem akbar tal-Baned waqt attivitajiet statali jew nazzjonali. Mal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija kellna tahditiet dwar taghrif li xi Kazini kienu qed jigu mitluba jaghtu. Saret laqgha mal-Federazzjoni Nazzjonali tal-Armar tal-Festi Esterni u attendejna ghal seminar li kien organizzat mill-

istess Federazzjoni. Laqghat ohra kienu mal-Malta Qualifications Council dwar il-livelli u kwalifiki li eventwalment il-Gvern se jistabilixxi ghal surmastrijiet u ghalliema tal-istudenti tal-muzika, u wkoll laqghat mal-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet tal-Voluntarjat. Ricentement, kellna wkoll laqgha mal-Onor. Ministru ghal Ghawdex dwar il-htigijiet u inizjattivi li jistghu jittiehdu fl-interess tal-membri taghna fil-Gzira.

**Ghawdex**

Matul is-sena Ghawdex kompla jinghata attenzjoni u gew rizolti materji li kienu ilhom pendenti zmien twil minhabba nuqqas ta' laqghat bejn il-kazini nfushom, xi haga li giet mgheluba grazzi ghal inizjattivi li gie nkarigat bihom l-Assistent Ufficcjal ghar-relazzjonijiet pubblici taghna u li permezz ta' hidmietu saru hames laqghat regjonali u wkoll sar kordinament u qbil dwar il-festival tal-Baned li hemm mahsub ghal Mejju li gej u wkoll dwar l-ewwel festa f'gieh Santa Cecilia u qbil dwar roster ghal istess festa.

Saret laqgha mal-E.T. l-Isqof ta' Ghawdex dwar problemi li xi kazini kellhom fil-kuntest lokali taghhom u wkoll inghatajna minnhu nkoraggiment biex giet organizzata l-festa ta' Santa Cecilia u fil-fatt qaddes ghal din l-okkazjoni. Wiehed jittama li jkomplu b'success l-inizjattivi biex il-Kazini jahdmu flimkien iktar mill-qrib u ghalhekk kienet hasra li matul is-sena li ghaddiet ma hadux opportunita akbar biex il-bandisti promettenti taghhom u l-ghalliema u surmastrijiet jtejbu l-livell taghhom b'sehem akbar waqt is-sessjonijiet tal-kors muzikali li sarilhom, ghax bhal fil-kaz ta' Malta, is-sehem ma kienx daqs kemm kien mixtieq, tant li f'Ghawdex kellna nwaqqfuh.

**Generali**

Matul is-sena giet aggornata l-website tal-Ghaqda u nheggu lil min hu responsabbli mill-web site tal-Kazini biex juzaw il-facilita taghna halli b'hekk jippromwovu iktar l-attivitajiet muzikali taghhom. Dawk li jixtiequ li l-attivitajiet muzikali taghhom nhabbruhom fuq il-web site taghna ghandhom jibghatu t-taghrif kmieni kemm jista jkun.

Kif wiehed jista jara, din hija l-ewwel okkazjoni minbarra r-riceviment annwali tal-Ghaqda li sar fit-Tre Re, li qed jintuza dan il-lokal ghal laqgha generali wara li sar xi xoghol strutturali biex wessajna l-ftuh bejn il-kmamar halli d-delegati jsegwu ahjar dak li jkun qed jinghad waqt il-laqghat u ntejbu l-possibilita li certu korsijiet isiru hawn stess. Il-hsieb hu li nistallaw sistema ta' amplifikazzjoni wkoll imma jkollna nistennew ftit iehor minhabba l-ispiza, peress li ma nghatajniex ghajnuna mill-Good Causes Fund biex irrangajna l-istruttura.

Nota ta dieqa li nehtieg nikkummenta dwarha hu n-nuqqas ta' nteress ta' Kazini fl-attivitajiet tal-Ghaqda. Minkejja li l-kuntatt tal-Ghaqda mal-Kazini kiber hafna fl-ahhar snin u qed ikun hemm iktar prontezza biex nassistu Kazini fil-bzonnijiet u l-gwida li gieli jkunu jinhtiegu, ma nistghux nghidu li hi l-istess versu lejna minn naha ta' xi kazini. Mal-Kazini fl-ahhar sena kellna mhux inqas minn 23 cirkolari fuq suggetti diversi. Hasra li dawn jew ma nqrawx, jew l-email tkun mimlija u ma jaslulhomx, jew min jiftah il-mail ma jhossx li ghandu jinforma bihom lil min ikun jikkoncernaw jew lil shabu tal-Kumitat, inkella hemm indifferenza kbira mid-dirigenti ta' xi kazini. Dnub li mezz daqstant komdu w efficjenti jintuza hazin jew ma jinghatax l-importanza tieghu.

Qasam iehor li ma giex mghoti widen hu dak tal-ezamijiet muzikali li l-Ghaqda habbret u li rispons ghalih kien fqir. Kellna lmenti minn ghalliema tal-allievi fil-kazini, minn xi surmastrijiet u dirigenti ohra, li anqas biss gew infurmati b'din l-inizjattiva, kif fl-ahhar mill-ahhar ma jkunux mgharrfa, kif diga ghidt, dwar il-kontenut l-iehor fic-cirkolarijiet taghna. Kieku jsir sforz zghir u dak cirkolat jitwassal, ir-rispons ghal korsijiet u l-attivita taghna, kieku ma jkunx hemm dizappunti u nuqqas ta apprezzament ghal inizjattivi li jittiehdu.

Bla dubju imma, l-aktar qasam li impenjana matul is-sena kien dak dwar it-tahditiet mal-Kurja fuq id-Dokument tal-Knisja rigward il-Festi. Apparti d-diversi laqghat mal-Kurja u dawk li saru apposta ghal Kazini, ftit tal-gimghat ilu saret laqgha generali kif konna ippromettejna li ssir biex gie diskuss u nghata rendikont ta' dak li sehh wara li gew konkluzi t-tahditiet tal-Ghaqda mal-Ufficcjali tal-Knisja **fuq il-proposti originali li** l-**Kazini** kien baghatu lill-Kurja ghad-Dokument.

Issa li t-tahditiet minn naha taghna gew konkluzi u tajna rendikont lill-Kazini dwar dak li wasalna ghalih fl-ahhar laqgha li kellna ftit tal-granet ilu mal-Pro Vigarju, qed nistennew l-approvazzjoni tal-Kazini ghal ahhar cirkolari li ntbaghatitilhom u li iccarat hafna mid-dubji li kien fadal dwar id-Dokument tal-Knisja u n-normi li gew imfassla ghal Kummissjoni Parrokkjali Festa Esterna u ghal Laqghat ta' Kordinament dwar il-festi.

**Gheluq**

Mil-lum nibdew sena ohra ta' hidma. Nitlob aktar prontezza mill-Kazini ghal dak li l-Ghaqda tkun qed titlobkom, ghax dan jaghmel hidmietna iktar facli. Hemm bzonn ta partecipazzjoni ikbar mill-kazini fl-attivitajiet tal-Ghaqda. Hu ta dieqa tara l-istess Kazini ma jiehdux sehem, sena wara l-ohra anke fl-iktar jum li ninhtiegu nuru li ahna solidali mal-kawzi komuni taghna billi jippartecipaw fl-isfilata u l-marc ta' Santa Cecilia fil-Belt.

Niehu l-opportunita biex fl-istess hin nirrikonoxxi s-sehem tal-kazini li jkunu puntwali u jirrispondu b'entuzjazmu ghas-sejhiet li jsirulhom jew biex jibghatu t-taghrif li nkunu ninhtiegu. Niehu l-opportunita wkoll biex nitlob mghodrija jekk f'xi waqtiet ma nkunx iktar pront milli nixtieq minhabba problemi familjari u li bl-ghajnuna t'Alla nittama li nissuperaw matul ix-xhur li gejjin halli nkomplu flimkien nahdmu ghal dan il-qasam ta' nteress komuni.

Hemm bzonn li jkun hemm interess ikbar, specjalment billi ninvestu f'Ghaqda iktar zghazugha, ghax dan ikun ta' beneficcju mhux biss ghal Kazin jew setter li nkunu gejjin minnhu, imma b'mod kollettiv, ghal kazini kollha li f'kull zmien, minkejja xi maltempati li jitfaccaw, jehtieg li jibqu juru solidarjeta ma xulxin.

B'dan il-mod biss nistghu nsahhu l-Ghaqda taghna u l-Kazini membri taghha.

J.C. Azzopardi
Segretarju